Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 7 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 1564/99

Saliba Electrics Limited

Vs

Carmelo Scicluna u b'digriet tal-25 ta' Mejju, 2000 giet kjamata fil-kawza Carmen Scicluna.

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti biex jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mill-istess socjeta' attrici, u dana fl-ammont ta' disa' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm924.11), jew ammont verjuri ikkalkulat minn periti u esperti nominandi, liema danni gew ikkagunati b'tort u htija taghhom, minhabba nuqqas ta' prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, jew minhabba nuqqas ta' hila, fil-kors tal-impjieg tal-konvenut bhala `electrician' mas-socjeta' attrici, waqt xoghol ta' `refurbishment' li kien qed isir fil-`Kenedy Nova Hotel', qabel `Kennedy Hotel', nru 116 ix-Xatt, Sliema.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Novembru, 1997, kontra

l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju 2000 fejn il-kjamata fil-kawza ghamlet taghha l-eccezzjonijiet diga' prezentati minn zewgha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Scicluna fejn kien eccepixxa:

1. Illi l-gudizzju mhux integru stante li huwa gie mharrek wahdu u invece messu gie mharrek mal-mara tieghu, Carmen Scicluna.

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma kienx il-persuna responsabbli ghax-xogholijiet li minnu qeghda tilmenta s-socjeta' attrici.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi l-kumpanija attrici ma pprezentat ebda provi u lanqas ma deher l-attur jew id-difensur tieghu fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2000 u lanqas fis-seduta tal-lum. Ghaldaqstant wara li rat it-talba tal-konvenut ghal-liberazzjoni tieghu mill-osservanza tal-gudizzju, qieghda tilqa' t-talba u wara li rat l-Artikolu 199 tal-Kap 12 qieghda tillibera lill-konvenut u l-kjamata fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg